DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 172878** **13.12.2017**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-PESIDENT**

***Id-diskors tal-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca fl-okkażjoni taċ-ċerimonja tal-investitura f'Jum ir-Repubblika***

***Introduzzjoni***

Malta Repubblika għalqet sena oħra. It-tnax-il xahar li għaddew kienu xhur li ġabu magħhom ferħ u sodisfazzjon, iżda wkoll mumenti ta' tħassib u dieqa. Kienu tnax-il xahar movimentati, fejn fuq naħa, kellna u għandna biex inkunu kburin: bit-tkabbir ekonomiku li qegħdna fil-quċċata tas-suċċess ekonomiku Ewropew; bl-anqas rata ta' qgħad f'kull żmien; u bil-kisbiet ta' aktar drittijiet ċivili, fost affarijiet oħra.

Fuq in-naħa l-oħra, iffaċċjajna l-qtil brutali tal-ġurnalista s-Sinjura Daphne Caruana Galizia, li kexkex lil kulħadd u li ħalla konsegwenzi ta' ħsara f'pajjiżna u barra pajjiżna.

Kienet sena wkoll fejn ġejna msejħa bħala Poplu biex nipparteċipaw demokratikament f'elezzjoni ġenerali li, sfortunatament, ġabet magħha replika ta' sitwazzjonijiet antiki, fejn il-partiġġjaniżmu sfrenat, erġajna rajnieh fl-aqwa tiegħu.

Għaldaqstant, bħas-snin l-imgħoddija, id-diskors tar-Repubblika se jirrifletti l-ħsibijiet, it-tħassib, il-weġgħat, kif ukoll il-ferħ u s-sodisfazzjon tagħna bħala Poplu. Din ir-riflessjoni kritika, hija mibnija fuq id-diskursati u l-esperjenzi tagħkom ….. u nista' nagħmilha, għax iltqajt m'eluf ta' Maltin u Għawdxin.

***Is-Saltna tad-Dritt***

F'dawn l-aħħar ġimgħat tkellimna ħafna dwar is-saltna tad-dritt. Is-saltna tad-dritt hija d-deterrent kontra l-awtokrazija u l-abbuż tal-poter. Jiena nemmen li s-saltna tad-dritt hija b'saħħitha daqs kemm il-poplu jagħrafha, jemmen fiha, jgħożżha u jkompli jsostniha.

Jekk bħala poplu nispiċċaw nemmnu li d-dritt tas-saltna għandu jiżboq lis-saltna tad-dritt, allura diffiċli li s-saltna tad-dritt tissaħħaħ u tieħu postha bħala l-element ewlieni f'demokrazija b'saħħitha.

***It-Tiġdid Kostituzzjonali***

Għalhekk se nerġa' nappella biex nibdew il-proċess tat-tiġdid Kostituzzjonali. Wara għadd ta' laqgħat li żammejt mal-Mexxejja ta' pajjiżna, u nies oħra, kemm matul dawn l-aħħar ġimgħat kif ukoll fis-


3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

snin li għaddew, nemmen li m'hemmx aktar żmien x'jintilef. Il-partiti ewlenin f'pajjiżna, ilhom is-snin jammettu, jistqarru u jwiegħdu, li jinħtieġ li nwettqu riforma kostituzzjonali.

Kif stqarrejt kemm il-darba wkoll, ir-riforma kostituzzjonali, għandha tinkoraġixxi u tinvolvi lill-poplu kollhu biex jipparteċipa bis-sħiħ.

Nemmen tassew li dan il-proċess għandu jkun wieħed pubbliku u trasparenti.

Dan, għaliex nemmen li l-Kostituzzjoni mhix sempliċiment strument legali, iżda l-Kostituzzjoni hija b'saħħitha daqskemm il-poplu jifhem li hija l-gwida …… ħajja, legali, morali u etika tiegħu ….. u jħossu viċin tagħha.

Għalhekk, nistenna li l-proċess tat-tiġdid kostituzzjonali, ikun mument edukattiv għal kulħadd. Filwaqt li l-punti legali għandhom jintqalu u jitnaqqxu, il-proċess tat-tiġdid għandu jkun riflessjoni kontinwa u parteċipattiva dwar xi tfisser li wieħed jgħix f'demokrazija b'saħħitha fis-seklu wieħed u għoxrin, u kif id-demokrazija tagħna għandha tibqa' tissaħħaħ, b'istituzzjonijiet li jiksbu l-fiduċja ta' kulħadd.

Il-Kostituzzjoni hija dokument ħaj li jibni relazzjoni attiva, bejn l-istat u l-poplu.

***Solidarjetà mal-Ġurnalisti u l-Libertà tal-Espressjoni***

Nixtieq nesprimi s-solidarjetà tiegħi, mal-ġurnalisti, li bħalna lkoll theżżu bil-qtil brutali tas-Sinjura Caruana Galizia. Nifhmu li, l-kundanna għal dan l-att faħxi qatt m'hi se tagħti komfort lill-familja tal-vittma. Minn naħa l-oħra l-iżviluppi li seħħew fl-investigazzjonijiet għandhom jagħtuna bidu ta' tama biex issir ġustizzja. Irrid nieħu l-opportunità biex nagħti ħajr lill-Forzi tal-Ordni f'pajjiżna, u wkoll lil dawk l-aġenziji barranin, li taw l-għajnuna biex jibda jkollna xaqq ta' dawl fuq dan il-każ makabru.

Sadanittant, ix-xogħol tal-ġurnalisti huwa indispensabbli għad-demokrazija. Inħeġġeġ lill-ġurnalisti Maltin biex ikomplu jfittxu s-sewwa bi skruplu kbir u mingħajr għamad jew parzjalità. Lill-ġurnalisti għalhekk ngħidilhom, għamlu kuraġġ u ibqgħu agħtuna s-servizz li dejjem tajtuna, mingħajr biża' jew preġudizzju.

Il-libertà tal-espressjoni hija sagra għad-demokrazija iżda din iġġib magħha wkoll responsabilitajiet, b'fatti u mhux b'nofs veritajiet jew, bi spekulazzjoni.

Huwa importanti li bħala poplu nifhmu li l-libertà tal-espressjoni m'għandha qatt issir libertinaġġ.

***Kultura ta' Vjolenza Verbali***

Matul dan iż-żmien, komplejt ninnota li qed tinbet kultura fostna, fejn donnu l-mezzi tal-komunikazzjoni moderni, qegħdin hemm biex jumiljaw u jkasbru lil dawk li, b'lenti suġġettiva, jitqiesu bħala rivali, għax b'fehmiet differenti.

Sfortunatament, din il-kultura ta' vjolenza verbali, mhux biss qed issir parti integrali minn ħajjitna, iżda issa jidher li qegħdin nimbuttawha bħala parti mid-dritt tal-libertà tal-espressjoni, bħallikieku, din il-kultura kienet xi għodda demokratika u s-salib li kull min hu fil-ħajja pubblika, bilfors irid iġorr.

Il-kritika kostruttiva hija essenzjali f'demokrazija, iżda l-qlajjiet u t-tgħajjir, jimminawha.

Sfortunatament, Malta qegħda tiġi affettwata kuljum mill-partiġġjanizmu, li mhux biss qiegħed idgħajjef il-ħila tal-ħsieb kritiku, iżda qiegħed wkoll ibiegħed ix-xewqa u l-ħeġġa li niddjalogaw u li naħdmu flimkien biex nindirizzaw l-isfidi li pajjiż modern bħal tagħna, f'dinja mimlija inċertezzi, qed jiffaċċja.

Meta nsejħu għal għaqda nazzjonali, ma tfissirx li rridu naħsbu bl-istess moħħ, jew li għandna nagħlqu għajnejna, widnejna u fommna, jew li nieqfu nirriflettu b'mod kritiku.

Ejjew ma nħallux l-għaqda nazzjonali tiġi ttraduta u mhedda ta' kuljum, bl-użu ħażin tal-mezzi ta' komunikazzjoni moderni, li qed jintużaw, sfortunatament, biex jifirdu flok biex jedukaw, jinformaw u jħallu liċ-ċittadini, jirraġunaw u jaġixxu ta' ċittadini ħielsa u sovrana.

Il-partiġġjaniżmu qed inawwar il-fibra demokratika ta' pajjiżna u qed jaqsamna fi tribujiet politiċi.

Il-partiġġjaniżmu mhux biss qed jagħlaq il-bieb għad-djalogu edukattiv, iżda qed jhedded kull sforz li qiegħed isir mill-istituzzjonijiet u mill-entitajiet edukattivi biex titkattar il-kultura demokratika, f'uliedna.

Hawn nappella lill-Poplu kollu biex nibagħtu sinjal ċar, li mhux se nittolleraw atteġġjament u kliem li jhedded id-demokrazija bid-disprezz lejn xulxin. Nemmen li b'hekk id-demokrazija tagħna tkun tista' tkompli tissaħħaħ.

***Il-Pjaga tad-Droga***

Din kienet sena Repubblikana fejn, bħas-snin l-imgħoddija, tkellimna qatigħ dwar il-pjaga tad-droga. Irrid nirringrazzja u nfaħħar lill-Forzi tal-Ordni għas-sehem siewi tagħhom biex ifixklu l-ħidma tat-traffikanti tad-droga. Irrid infaħħar ukoll ix-xogħol enormi ta' dawk kollha, bħal Caritas u s-Sedqa f'Malta u l-Oasi f'Għawdex, li jagħmlu minn kollox biex inisslu t-tama f'min isib ruħu maqbud f'din ix-xibka qerrieda.

Dawn il-familji u individwi mġarrbin, talbuni biex inwassal il-messaġġ li d-droga ma għandha l-ebda valur rikreattiv u li d-drogi, huma l-għadu u mhux il-ħbieb tagħna u ta' uliedna.

Għalhekk qed nappella lil-leġislaturi tagħna biex qabel jittieħdu d-deċiżjonijiet, jinħoloq spazju *safe* għal dibattitu nazzjonali, li jinżamm il-bogħod mill-partiġġjaniżmu bil-għan li mhux biss ikollna parteċipazzjoni mill-aktar wiesgħa, iżda wkoll ngħarblu x'qed tgħid ir-riċerka u l-esperjenza.

F'dan il-qasam xortina tajba għaliex diġà għandna kemm individwi, familji, professjonisti u għaqdiet mhux governattivi, li għandhom esperjenza, kif ukoll riċerka lokali li tista' tiggwida, id-diskors nazzjonali li fuqu għandha tittieħed id-deċiżjoni.

Fid-diskursati diversi li kelli m'għadd ta' persuni jew li għadhom fil-fażi ta' rijabilitazzjoni, jew li diġà ġew rijabilitati, dejjem jitkellmu fuq it-tħassib tagħhom dwar dewmien fil-qasam tal-ġustizzja dwar każijiet pendenti li jkollhom.

Għalhekk nerġa' nappella lill-awtoritajiet tagħna biex jittieħdu l-passi meħtieġa, ħalli nassiguraw li nindirizzaw din il-problema, li mhijiex biss waħda ta' individwu jew familja, anzi l-effett ta' dan id-dewmien jinħass fuq is-soċjetà kollha.

***Il-Prostituzzjoni***

F'dawn l-aħħar xhur, il-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà, flimkien ma' għaqdiet volontarji, individwi u entitajiet interessati fil-promozzjoni tad-drittijiet umani, politiċi, attivisti lokali u internazzjonali u nies li għaddew mill-esperjenza tal-prostituzzjoni, iddiskutejna il-liberalizzazzjoni tal-prostituzzjoni.

Eżaminajna xeni legali differenti, għarbilna realtajiet internazzjonali kuntrastanti u qisna x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi ta' dan il-pass minn kull angolu possibbli.

Aktar ma' nisma' stejjer, li wħud minnhom iwaħħxuk, ta' abbuż vjolenti ta' ġisem il-mara, aktar nipperswadi lili nnifsi, li b'rispett lejn in-nisa u l-bniet Maltin u b'rispett lejn il-miljuni ta' nisa li ġisimhom qiegħed jiġi vjolentat b'kull mod, it-triq progressiva f'dan ir-rigward, hija t-triq tad-dikriminalizazzjoni tal-vittmi.

Għadd ta' pajjiżi progressivi bħall-Iżvezja, Franza, l-Iżlanda, il-Kanada, u l-Irlanda, waqt il-proċess ta' diskussjoni dwar il-futur tal-liġi dwar il-prostituzzjoni f'pajjiżhom, iddeciedew, li jagħżlu t-triq li ma jieħdux riskji li jistgħu jheddu d-dinjità tal-mara u għalhekk iddeċidew favur il-prevenzjoni sħiħa b'risq id-dinjità.

Bħala Kap ta' Stat li dejjem għext man-nies, fejn leħni huwa leħen in-nies, nappella biex ikollna diskussjoni nazzjonali miftuħa, fejn jinstema' kulħadd, ħalli ma' nissograwx li Malta jkollha kontradizzjonijiet fil-kamp tad-drittijiet ċivili.

***L-Ugwaljanza tal-Mara***

Il-ġlieda tagħna għal-liberalizzazzjoni u l-ugwaljanza tal-mara, għandha tibqa' iffukata fuq it-tisħiħ tal-preżenza tal-mara fil-ħajja pubblika u fl-inħawi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet, fuq it-tnaqqis tad-differenzi fid-dħul finanzjarju bejn in-nisa u l-irġiel, fuq il-ħarsien minn kull tip ta' abbuż bħalma hija l-vjolenza domestika, fuq aktar flessibiltà fuq il-post tax-xogħol pubbliku u privat, fuq l-għarfien ta' xogħol il-mara fid-dar, fuq saħħet il-mara u fuq is-solidarjetà ma' nisa oħra prekarji u marġinalizzati.

Din l-aġenda għandha tkun sostnuta minn proċess edukattiv li minn kmieni u fuq kull livell tas-sellum edukattiv, jinterroga l-patrijarkija u l-abbuż tal-poter.

***Il-Valur ta' "Jiena Jimpurtani Minnek"***

Fit-tnax-il xahar li għaddew iltqajt ma' ħafna ommijiet u missirijiet, li tkellmu fit-tul dwar l-aspirazzjonijiet li għandhom għal uliedhom.

Urewni wkoll it-tħassib tagħhom, dwar il-futur fejn jibżgħu li s-solidarjetà li dejjem urejna bejnietna, tkun tmermret u minflok, tidħol kultura individwalista u egoista li twassal biex ma nafdawx lil xulxin, u ningħalqu għal xulxin.

Kellmuni wkoll dwar il-ħajja ta' ulied uliedhom li qed jaħsbu li se tkun ipproggrammata, organizzata u maqsuma bejn diversi adulti, fejn il-ħajja ssir aktar virtwali, u mgħixa fi spazji aktar privati. Xenarju futuristiku b'għeruq fil-preżent; xenarju ta' Malta li tista' titlef il-valur ta' 'jiena jimpurtani minnek'; valur li storikament uriena x'inhija s-solidarjetà, żammna flimkien fit-tiġrib u għallimna x'inhu l-ġid komuni.

Hija responsabbiltà tagħna lkoll li nirriflettu dwar il-konsegwenzi ta' ħajja mgħixaħ dejn, u mhux ma' ħaddieħor. Ħajja fejn, is-solidarjetà tieħu s-sura ta' karità okkażjonali, fejn il-ġid privat isir ħafna aktar importanti mill-ġid komuni, fejn aktar nitkellmu mal-gadgets milli man-nies…..fejn waqt mumenti soċjali, bħalma hi per eżempju xi ikla tal-familja, inkunu aktar moħħna fil-'ħbieb' virtwali, milli fil-membri tal-familja li nġabru madwar il-mejda.

Dawn ir-riflessjonijiet m'għandhomx biss implikazzjonijiet personali, iżda għandhom kontenut qawwi soċjali u politiku. Jekk mhux se nirriflettu b'mod kritiku dwar x'inhu jiġri madwarna f'dan ir-rigward għad jasalż mien fejn il-valuri bħas-solidarjetà u l-ġustizzja soċjali, se jitqiesu bħala valuri tal-bierah.

*Solidarjetà Liberatorja u Intersezzjonali*

Din is-sena kienet sena importanti għall-kisbiet tad-drittijiet ċivili tal-komunità LGBTIQ. Dan kien possibbli għax kien hemm ir-rieda politika u fhimna, li d-drittijiet mhumiex il-monopolju tal-maġġoranza. Issa nappella lil din il-komunità, li naf li tifhem xi tfisser tkun iddiskriminata u mwarrba, biex timmobilizza ruħha, kif għamlet fl-akkwist ta' drittijietha, ħalli tgħin biex ħutna minoritarji jakkwistaw ukoll dak li hu tagħhom bi dritt.

L-attiviżmu li tant ġab suċċess, b'risq il-komunita' LGBTIQ, issa nemmen li għandna narawh jissarraf f'solidarjetà liberatorja u intersezzjonali.

*Politika ta' Integrazzjoni*

Solidarjetà, per eżempju, ma' dawk l-immigranti, li x-xogħol tagħhom huwa żvalutat u abbużat, li jgħixu fi prekarjat kroniku u f'kundizzjonijiet deplorabbli u perikolużi.

Minn naħa l-oħra rrid nistqarr is-sodisfazzjon tiegħi lejn l-awtoritajiet governattivi, għall-aħbar tat-tnedija tal-politika ta' integrazzjoni …. politika li nittama li ssib bilanċ bejn ir-responsabbiltà u d-dritt. Politika li tafferma d-differenzi kulturali filwaqt li toħloq spazji għat-tlaqqigħ u d-djalogu kontinwu inter-kulturali u inter-reliġjuż.

Irrid nistqarr l-apprezzament tiegħi wkoll lejn min iħaddem lill-immigranti, bid-dinjità sħiħa li tixraq lil kulħadd. Nirringrazzjahom tax-xhieda li qed jagħtu fit-twettiq fil-prattika tad-drittijiet umani universali.

*Inugwaljanzi*

Solidarjetà ma' min qiegħed jgħix fil-faqar jew f'riskju ta' faqar. Nistqarr b'sodisfazzjon, li l-istatistika qed turina li kien hemm progress f'dan ir-rigward. Filwaqt li l-istess statistika qed tindika li għad baqa' xi jsir biex inserrħu moħħna li kulħadd jista' jgħix b'dinjità, irrid ninnota b'sodisfazzjon ukoll li, l-awtoritajiet governattivi, qed ikomplu jħabirku biex jindirizzaw din il-problema.

Solidarjetà ma' min jaħdem u xorta huwa fqir jew f'riskju ta' faqar. Il-ftehim dwar il-paga minima, huwa pass importanti li ta' min jirrikonoxxih u jfaħħru, iżda nistqarr li għadna ma rbaħniex il-ġlieda kontra l-prekarjat kompletament.

Dan jindikalna li l-ġustizzja soċjali ma tibdiex bit-tqassim tal-ġid iżda tibda mill-ġustizzja, li tagħraf il-bżonn li l-ħaddiem jitħallas b'mod xieraq għax-xogħol li jagħmel.

***It-Tfal***

Minn naħa l-oħra, minkejja li qed jittieħdu għadd ta' miżuri pożittivi biex tkun indirizzata l-problema tal-faqar jew riskju ta' faqar fost it-tfal, jibqa' jinkwetani l-ammont ta' tfal f'riskju ta' faqar, u l-impatt tal-faqar fuq l-iżvilupp sħiħ u fuq il-progress edukattiv tagħhom. Huwa fatt xjentifikament magħruf, li mingħajr it-tkissir taċ-ċirku vizzjuż tal-faqar, it-tfal jikbru biex x'aktarx ikomplu jirriproduċu l-faqar ….. għax meta l-faqar isir inter-ġenerazzjonali, diffiċli biex wieħed jeliminah.

Iżda għandi t-tama li l-politika għat-tfal li ġiet imnedija dan l-aħħar, ser tkun tista' tindirizza ħolistikament, l-isfidi li diversi tfal Maltin, qed jiffaċċjaw.

Issa li pajjiżna għandu politika għat-tfal, nappella biex ma ndumux, milli jkollna wkoll liġi komprensiva, li tassigura d-drittijiet tat-tfal, bid-dritt ewlieni li, t-tfal jingħataw l-ispazji, b'mod strutturat, fejn jinstemgħu u nagħtu każ ta' dak li jgħidu. L-esperjenzi diversi li kelli, waqt diskussjonijiet mat-tfal, dejjem kienu okkażżjonijiet ta' dawl imnebbaħ mill-mod uniku ta' espressjoni ħielsa.

***L-Ambjent***

It-tfal għadhom ikellmuni wkoll dwar l-ambjent naturali tagħna, li jqisuh bħala fattur importanti għal ħajjithom.

Għaldaqstant, f'isimhom nerġa' ntenni l-bżonn li nassiguraw b'kull mod, biex l-iżvilupp f'pajjiżna jkun wieħed sostenibbli. Għalhekk nappella, lill-poplu kollu, biex ilkoll nagħtu sehemna fil-ħarsien tal-ambjent naturali tagħna, għaliex dan huwa misluf lilna mingħand uliedna.

***'Housing'***

Jidher ċar li bit-tbassir li l-ekonomija se tkompli sejra tajjeb, is-suq tal-kiri se jkompli jitlob kirjiet dejjem akbar. Dan ifisser li jekk se ndumu ma' nindirizzaw din il-problema, se jkollna żieda fin-nies li jduru minn raħal għal ieħor, ifittxu ħlasijiet ta' kirjiet li jħallulhom biżżejjed flus għall-ħajja. L-effett ta' sitwazzjoni bħal din ikun devastanti fuq it-tfal ta' dawn il-familji, li ma jħossuhom qatt stabbli f'komunità li jħossuha qed tinkludihom. Irridu nassiguraw li s-suċċess kbir ekonomiku f'pajjiżna ma jħallix vittmi warajh.

Għaldaqstant, il-*White Paper* fuq ir-riforma fis-settur tal-kirjiet, li hija mwiegħda mill-awtoritajiet governattivi, hija kruċjali biex il-konsultazzjoni u d-diskussjoni dwar ir-rimedji f'dan is-settur jiġu implimentati fl-iqsar zmien. Aktar ma' ndumu ma' nsibu s-soluzzjonijiet li jirrispettaw il-partijiet kollha, aktar ma' l-pajjiż se joħroġ flus biex isewwi t-tifrik li l-kirjiet għoljin qed joħolqu għall-familji vulnerabbli.

***Faqar Emozzjonali***

Il-faqar mhux marbut biss mad-dħul finanzjarju, jew mal-flus disponibbli, iżda sfortunatament, fis-soċjetà tagħna, jeżisti wkoll faqar emozzjonali:
bħal fil-każ ta' anzjani li jinsabu waħidhom għax abbandunati;
bħal fil-każ ta' tfal b'ġenituri li qegħdin fil-ħabs;
bħal fil-każ ta' tfal li jinsabu fil-*homes*;
bħal fil-każ tal-morda; u
bħal fil-każ ta' dawk bi problemi ta' saħħa mentali.

Għaldaqstant għandna nagħtu l-għajnuna tagħna u nkunu solidali ma' dawn ħutna, filwaqt li nagħtu l-appoġġ sħiħ tagħna lill-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu f'dawn l-oqsma u li b'ħidmiethom, itaffu xi ftit minn din it-tbatija ta' faqar emozzjonali.

***Għaqal u Bżulija***

Nixtieq intemm id-diskors tiegħi billi nfaħħar l-għaqal u l-bżulija tal-awtoritajiet governattivi, u tal-ħaddiema Maltin u dawk li mhumiex, li flimkien komplejna nsaħħu l-ekonomija u għamilna s-solidarjetà aktar possibbli.

Is-suċċess ekonomiku bla qies, jagħmilna kburin li pajjiżna, minn blata bla riżorsi naturali , huwa kapaċi, bl-għaqal, bil-ħiliet u bil-bżulija ta' niesna, joħloq il-ġid, mhux biss għalina, iżda għal eluf ta' ħaddiema oħra, li biex inkomplu nkattru l-ġid għandna bżonnhom magħna.

Irrid infaħħar ukoll, il-ħidma ta' mijiet ta' ħaddiema fis-settur pubbliku u privat, li bi bżulithom ikkontribwew biex il-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tkun presidenza ta' sustanza u ta' suċċess organizzattiv kbir. Presidenza li tat il-vizibilità proprja u li jixraq lil għażiża Malta tagħna. Bil-ħidma kkordinata flimkien għamilna 'l ġid mhux biss lil pajjiżna iżda lill-pajjiżi membri stati kollha ta' l-Unjoni Ewropea.

Għamilna rekord fl-ammont ta' ħidmiet li wassalna b'suċċess. Dan għandu jawgura tajjeb għal li ġej, f'ħidmiet akbar għal pajjiżna. Illum urejna li bħala poplu żgħir, kapaċi, bil-fiduċja fina nfusna, naslu daqs u aktar minn haddieħor, ferm akbar minna.

Is-sena li għaddiet ukoll, bl-għajnuna ta' l-awtoritajiet governattivi u għadd ta' ħaddiema bieżla, komplejna tajna vizibilità mill-isbaħ lil pajjiżna, meta lqajna fostna tnax-il Kap ta' Stat mhux eżekuttiv Ewropew, permezz tal-laqgħa annwali tal-grupp Arraiolos.

Hawnhekk ukoll irrid nirringrazzja lill-awtoritajiet governattivi, il-Forzi tas-Sigurtà f'pajjiżna, u lil dawk kollha li għenu lill-Uffiċċju tiegħi, biex urejna li kapaċi nġibu aktar sustanza fid-diskussjoni, kif ukoll komplejna, nagħtu vizibilità mill-aktar pożittiva lil Malta tagħna.

Ħarsitna issa ddur lejn il-belt tant prestiġġjuża u maħbuba tagħna, Il-Belt Valletta, li se tkun iċ-ċentru ewlieni ta' manifestazzjoni Kulturali Ewropea, mill-aktar kbira. M'għandix dubju li Valletta 2018 se sservi ta' vetrina kulturali ta' kwalità u ta' manifestazzjoni inter-kulturali b'legat dejjiemi. Bla dubju, għandna nħossuna kburin bl-akkwist ta' din l-opportunità u konvinta li se nkunu aktar u aktar kburin meta nħarsu lura u nġeddu l-memorji tagħna ta' sena kulturali li Malta s'issa għadha qatt ma rat bħala.

***Għandi t-Tama***

Għeżież Maltin u Għawdxin, ejjew inkomplu naħdmu biex nagħmlu minn Malta tagħna, mudell soċjo-ekonomiku sostenibbli, etiku u ġust. Minkejja li jeżistu sfidi, għandu jkollna ħafna tama. Għandu jkollna t-tama għax nafu li flimkien kapaċi nogħlew 'il fuq mill-preġudizzji, id-differenzi u l-partiġġjaniżmu. Għandu jkollna t-tama għaliex diġà ksibna suċċessi kbar. Għandu jkollna t-tama għaliex bħala poplu magħrufin għall-valur tar-reżiljenza, li dejjem għena biex negħlbu l-isfidi.

Ejjew għeżież Maltin u Għawdxin, inħarsu b'kuraġġ lejn il-futur, għaliex konvinta li kapaċi, f'għaqda sħiħa bejnietna, nagħmluh futur isbaħ, għal kull wieħed u waħda minnha, iżda l-aktar għal uliedna.

Viva Malta Repubblika.